QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

IMHALLEF

ONOR. DOTTOR JOSEPH G. GALEA DEBONO B.A. ,LL.D.

SEDUTA TAL-HAMIS 30 TA'MEJJU, 2002.

APPELL NRU. 216/2001 JGD.

IL-PULIZIJA.

(SPETTUR PATRICK SPITERI)

VS.

KIM DEGABRIELE

Il-Qorti:

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fid-19 ta' Lulju, 2000 , talli fit-13 ta' Mejju, 2000, fil-Convoy Bar , Luqa Industrial Estate, Luqa:
(a) ghamilha ta' ricevitur tal-lottu pubbliku minghajr il-permess mill-Ministru responsabbli mill-Finanzi , u dana bi ksur tal-Art. 13 tal-Kapitolu 70 tal-Ligijiet ta' Malta kif emendat bl-Att numru VIII/1998 tal-Ligijiet ta' Malta ;
(b) ghamel lottu klandestin u gabar il-flus tal-gugati fuqu u dan bi ksur tal-Kapitolu 70 tal-Ligijiet ta' Malta kif emendat bl-att numru VIII tal-1998 tal-Ligijiet ta' Malta ;
(c) biegh jew offra ghall-biegh biljetti tal-lottu minn postijiet mhux licenzjati ghal dan il-ghan u dana bi ksur tal-art. 14 tal-Kap.70 tal-ligijiet ta' Malta kif emendat bl-att numru VIII tal-1998 tal-Ligijiet ta' Malta ;
(d) kellu fil-pussess tieghu oggetti mhux awtorizzati li normalment jintuzaw sabiex isir il-lottu bil-mohbi bhal kupuni ,poloz, kartelli, matricijiet , counterfoils, tikketti tal-hlas jew ghodod tal-loghob , jew registri li normalment jintuzaw ghall-loghob u dana bi ksur tal-Kap.70 tal-Ligijiet ta' Malta kif emendat bl-att numru VIII tal-1998 tal-ligijiet ta' Malta ; u
(e) kellu fil-pussess tieghu mhux awtorizzat ta' biljett/i tal-lottu bil-mohbi u dana bi ksur tal-Art. 15A Kap.70 kif emendat b'Att nru. VIII/1998 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat is-Sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-21 ta' Novembru, 2001, fejn irriteniet li fid-dubju ma setghetx issib reita' fl-imputat appellant skond l-akkuzi kontrieh dedotti apparti l-ewwel akkuza u fir-rigward ta' din l-ahhar akkuza li tistqarr li l-imputat ghamilha ta' ricevitur tal-lottu pubbliku minghajr d-debita awtorizzazzjoni , din tirrizulta sodisfacentement mill-provi u ghalhekk fil-waqt li illiberat lill-apperllant mill-akkuzi kollha apparti l-ewwel akkuza, li taghha sabitu hati, rat l-artikolu 13 tal-Kap.70 u ikkundannatu relattivament ghal din l-akkuza prigunerija ghall-perijodu ta' sitt xhur sospiza ghal sena bl-applikazzjoni tal-Artiklu 28A tal-Kap.9.

Rat ir-rikors tal-appell tal-apperllant minnu prezentat fit-3 ta' Dicembru, 2001, fejn talab ir-riforma tas-sentenza appellata fis-sens illi fil-waqt li tikkonfermha fejn din sabitu mhux hati tat-tieni ,t-tielet, ir-raba u l-hames akkuza , tirrevokha , thassarha u tikkancellha , fejn din sabitu hati ta' l-ewwel akkuza u konsegwentement tillibera lill-appellant minn kull imputazzjoni u htija.

Rat illi l-aggravji tal-appellant jikkonsistu fil-qosor fis-segwenti :-
li l-ewwel Qorti accettat il-versjoni tal-appellant u cioe' li kien verament jilghab f'isem il-klienti bi pjacir ghall-klienti tal-bar. Ghalhekk ma setax jintqal li l-appellant kien jaqa' taht id-definizzjoni ta' "ricevitur tal-Lottu" skond l-art. 2 tal-Avviz Legali 109 ta'l-1990 kif emendat ghax fl-ebda mument u bl-ebda mod

ma impenja ruhu jivvalida gugati maghmula mill-klienti tal-hanut tieghu ; il-gugaturi , peress illi ma kienux jinghataw il-biljett mixtieq dak il-hin, kienu a konjizzjoni tal-fatt li l-appellant ma kienx qed jaghmilha ta' ricevitur tal-lottu ; l-appellant fl-ebda mument ma allega li kien ha jghaddi flus tal-gugat lid-Dipartiment tal-Lottu Pubbliku izda lir-ricevutir licenzjat minnfejn kien ser jixtri l-biljetti in kwistjoni u li fid-dubju l-ewwel Qorti minnflok ma iddecidiet favur l-appellant, ikkonkludiet li l-agir tal-appellant jikkostitwixxi agir ta' ricevitur tal-lottu .

Ezaminat l-atti kollha processwali ;

Semghet it-trattazzjoni tal-appell,

Ikkunsidrat:

Illi il-qalba ta' dan l-appell hija l-kontradizzjoni apparenti bejn il-parti tas-sentenza fejn l-appellant gie liberat mill-ahhar erba akkuzi u dik fejn gie , fuq l-istess fatti, misjub hati tal-ewwel akkuza. Dana ghaliex fil-waqt li l-ewwel Qorti accettat li kien hemm dubju dwar il-fatti u li wiehed seta' jaccetta il-versjoni tal-appellant li kull ma kien qed jaghmel kien li kien qed jilghab f'isem il-klienti "bi pjacir ghall-klienti" li kienu jiffrekwentaw il-bar fejn kien jahdem , fl-istess sentenza ma accettatx din l-ispjegazzjoni li ta l-appellant fir-rigward tal-ewwel akkuza;

Jintqal mill-ewwel li fil-kors tat-trattazzjoni , l-abbli prosekutur lejalment accetta li kien hemm din il-kontradizzjoni u irrimetta ruhu ghall-gudizzju ta' din il-Qorti;

Illi l-akkuza li taghha instab hati l-appellant hija dik kontemplata fl-art.13 tal-Kapitolu 70 tal-Ligijiet ta' Malta , kif emendat bl-Att nru. VIII tal-1998 . Dan l-artikolu jiddisponi li :-

> (1) "Hadd ma jista' , jekk ma jkunx awtorizzat ghaldaqshekk mill-Ministru responsabbli ghall-Finanzi taht ebda titolu jew b'ebda mod jaghmilha ta' ricevitur tal-lottu."

Il-frazi "ricevitur tal-lottu" ma hix definita fil-ligi principali , Kap.70 tal-Ligijiet ta' Malta , izda insibu definizzjoni taghha fir-Regolament 2 tar-Regolamenti Dwar il-Lottu Pubbliku (Legal Notice 109/1990) li jghid :-

> "ricevitur tal-lottu" tfisser min jinhatar mill-Ministru sabiex jaccetta u jivvalida gugati f'isem il-gugaturi bil-ghan illi jghaddihom lid-Dipartiment sabiex jiddahhlu fi tlugh partikolari ."

Issa kif abilment issottometta id-difensur tal-appellant il-versjoni li ta l-appellant u li giet accettata bhala wahda possibbli u probabbli mill-ewwel Qorti , kienet li hu kien qed imur ghand ricevitur awtorizzat u jilghab il-flus u jakkwista il-biljetti tal-lottu ghall-klienti tal-bar fejn kien jahdem u ma kien la jaccetta il-gugati hu , la kien jivvalidhom hu u lanqas jghaddihom lid-Dipartiment hu direttament , imma kien jaghmel dan tramite ricevitur awtorizzat . Jekk l-ewwel Qorti accettat li din il-versjoni kienet wahda probabbli u minnhabba f'hekk illiberatu mit-tieni sal-hames imputazzjoni , kien logikament isegwi li kellha ukoll tilliberah mill-ewwel imputazzjoni li del resto kienet bazata fuq l-istess fatti;

Illi normalment din il-Qorti ma tiddisturbax id-diskrezjoni tal-ewwel Qorti fl-evalwazzjoni tal-provi li jkunu inghataw u gew traskritti quddiem l-istes Qorti sakemm tali diskrezjoni u decizjoni ma tkunx wahda "unsafe and unsatisfactory" . F'dan il-kaz jidher "ictu oculi" - kif del resto deher anki ghall-abbli prosekutur - li hemm kontradizzjoni fis-sentenza appellata, ghax ladarba l-ewwel Qorti irriteniet li setghet tigi accettata il-versjoni u l-ispjegazzjoni li ta ghall-operat tieghu l-appellant , din kellha tapplika ukoll ghall-ewwel imputazzjoni;

Ghalhekk jekk wiehed jibbaza fuq dak li qalet l-ewwel Qorti fir-rigward tat-tieni sal-hames imputazzjoni , irid jasal ghall-konkluzzjoni logika u necessarja li anki l-ewwel imputazzjoni ma tirrizultax ghax il-fatti li fuqhom kienu bazati il-hames akkuzi huma l-istess .

Ghal dawn il-motivi , din il-Qorti qed tilqa l-appell u tirriforma is-sentenza appellata billi tikkonfermha fejn sabet lill-appellant mhux hati u illiberatu mit-tieni, it-tielet , ir-raba u l-hames imputazzjoni , u tirrevokha fil-parti fejn sabet lll-appellant hati tal-ewwel imputazzjoni u ikkundanatu ghall-piena ta' prigunerija ghall-periodu ta' sitt xhur sospiza ghall-sena bl-applikazzjoni ta' l-Art. 28A tal-Kap.9 u billi minnflok tiddikjara ukoll lill-appellant mhux hati tal-ewwel imputazzjoni u tilliberah minn kull imputazzjoni u piena fir-rigward.

(ft) Joseph G. Galea Debono,
Imhallef

Paul Miruzzi
Dep. Registratur
30.05.02.